MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Numru. 1115/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sandra Zammit]**

**vs**

**Carlo sive Carlos Agius**

Kumpilazjoni Nru: 1115/208

**Illum 15 ta' Marzu 2010,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carlo sive Carlos Agius iben Joseph Agius u Iris nee` Azzopardi, mwieled Attard, fit-8 ta' Jannar, 1971 u residenti 80, Joyce, St. Lukes' Road, Pieta` u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 130271(M);

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Ottubru, 2008, ghall-habta ta' bejn 19:30hrs u 19:45hrs, gewwa triq il-Furnar, Qormi, volontarjament ikkaguna sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' Wilfred Farrugia, skond kif iccertifika it-tabib Dr. J.C. Abela M.D. Reg. Nr. 2536 tal-Floriana Policlinic.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat u glied.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna lil Wilfred Farrugia jibza li se tintuza vjolenza konrih jew kontra l-propjeta tieghu.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Wilfred Farrugia sabiex jingurjah, idejqu jew jghamillu hsara.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem hazin u dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba, biex meta jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li joghgobha tiffissa.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-imsemmija artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:-

a) 214 u 218(1)(b);
b) 251B;
c) 338(bb), 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e);
d) 382(A), 383, 384, 386 u 412C;
e) 17, 23, 31 u 533.

Rat li l-imputat me kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-ati processwali.

Ikkunsidrat

Illi fir-realta ma tantx hemm kontestazzjoni dwar il-fatti ta' dan il-kaz fis-sens li z-zewg partijiet jaqblu dwar il-maggoranza tal-fatti relevanti ghall-imputazzjonijiet mertu tal-proceduri.

Illi jirrizulta li l-parte leza Wilfred Farrugia u missier l-imputat jghixu vicin ta' xulxin u li kien hemm episodji ta' disgwid verbali bejniethom inkluz xi granet qabel l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. L-imputat sar jaf b'dan id-disgwid minghand terzi persuni (u mhux minghand missieru) gurnata jew tnejn qabel l-incident de quo.

Illi skond Farrugia fil-gurnata in kwistjoni hu kien ghadu kif ipparkja l-vettura tieghu hdejn ir-residenza tieghu u kien sejjer lejn id-dar b'zewg basktijiet, wiehed f'kull id. F'daqqa wahda giet vettura, hareg minnha l-imputat li mill-ewwel mar fuq Farrugia u qallu biex ihalli lill-misseiru bi kwiet u dan b'subghajh ippuntat lejh (cioe lejn Farrugia). Farrugia irrisponda billi saqsieh ghalfejn qed jaghmel hekk, meta f'daqqa l-imputat imbuttah u hu waqa' ma'l-art u habat rasu; prova jqum pero l-imputat beda jaghtih bil-ponn, tah xi tlieta jew erba' daqqiet u l-imputat telaq 'l hemm. Farrugia jghid li f'l-ebda hin ma mess lill-imputat u li lanqas seta' jaghmel tentattivi biex jiddefendi ruhu peress li kellu l-basktijiet f'idejh u mill-ewwel waqa' ma'l-art.

Illi l-imputat min-naha l-ohra jghid li huwa kien sejjer jara lil missieru, hekk kif wasal ra lil Farrugia u mar fuqu biex jghidlu biex ihalli lil missieru bi kwietu. L-imputat jammetti li Farrugia kellu zewg basktijiet, u Farrugia qatt ma messu. L-imputat jghid pero li kien Fauugia li beda jipponta subghajh lejh u li kien ghalhekk li huwa imbottah. L-imputat jghid li meta imbotta lil Farugia dan waqa ma'l-art u meta prova jqum hu rega imbottah u mbaghad telaq 'l hemm. Hu jkompli jghid li mar ghand missieru ghamel xi tlett minuti biss hemm; meta hareg ra lill-imputat ghadu

barra, regghu tkellmu u sahansitra hadu b'idejn xulxin qabel huwa telaq 'l hemm.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputata huma dawk li kkaguna offieza gravissima fuq il-persuna ta' Farrugia.

Illi kif diga ntqal minkejja li hemm diskrepanzi fil-verzjoni mghotija miz-zewg partijiet dwar id-dinamika ta' l-incident ezami tal-provi m'ghandu jhalli l-ebda dubbju dwar x'gara realment u kif gie li Farrugia soffra l-griehi in ezami.

Illi skond dak li rrakkonta Farrugia stess l-ewwel li ghamel l-imputat kien li mbuttah u bhala rizultat huwa waqa u laqat rasu u b'hekk spicca b'ferieta fuq naha wahda ta' wiccu, meta huwa prova jqum l-imputat beda jaghtih bil-ponn biex b'hekk spicca b'ferita man-naha l-ohra ta' wiccu. L-imputat jinnega li huwa ta' daqqiet ta' ponn imma biss li lil Farrugia mbottah darbtejn.

Illi fid-depozizzjoni tieghu it-tabib li ezamina li Farrugia qal li l-ferieti li huwa rriskontra jistghu ikunu kompattibbli ma daqqiet ta' ponn pero rrileva li normalment meta persuna taghti daqqiet ta' ponn taghti d-daqqiet f'l-istess naha tal-wicc u fil-kaz in ezami il-ferieti kien fuq iz-zewg nahat tal-wicc. Din it-testimonjanza taghti kredibilita lil Farrugia fir-rakkont tieghu u b'mod partikolari dak li jikkoncerna id-dinamika ta' l-incident.

Illi dwar x'wassal ghall-incident il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li kien l-imputat li pprovoka l-incident fih inniffsu u li Farrugia m'ghamel xejn li b'xi mod seta' jiskuza l-uzu ta' vjolenza fizika da parti ta' l-imputat. Dan il-konvinciment tal-Qorti jirrizulta mhux biss minn dak li qal Farrugia imma anke minn dak li qal l-imputat stess u cioe: f'l-ewwel lok l-ammissjoni tieghu (lejn nofs l-istqarrija tieghu) li dak in-nhar ta'l-incident huwa mar mhux b'kumbinazzjoni imma ghax kellu intenzjoni li jsib u jkellem lil Farrugia, u fit-tieni lok l-ammissjoni tieghu ukoll li Farrugia qatt ma refa' idejh fuqu jew b'xi mod aggredih.

Illi dwar x'gara wara l-incident u cioe: kemm dam Farrugia fuq il-post ta' l-incident, hadux b'idejn xulxin volontarjament jew sfurzati wara l-intervent ta' terz, u anke kemm dam Farrugia biex mar il-policlinic, huma fatturi li mhux direttament relevanti fil-kunsiderazzjonijiet dwar din l-ewwel imputazzjoni in kwantu jistghu biss jimpingu fuq il-kredibilita ta' kull wiehed mill-partijiet.

Illi dwar in-natura tal-griehi ma jezisti l-ebda dubbju li Farrugia soffra sfregju f'wiccu pero fil-fehma ta' din il-Qorti ma jezistux l-estremi biex dawn il-griehi jaqaw f'definizzjoni ta' dak predispost f'l-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe offieza gravissima; il-griehi sofferti minn Farrugia huma dawk deskritti f'l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati tar-reat minuri kontemplat taht din l-ahhar kwotata dispozizzjoni tal-Ligi.

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat huma li kiser il-buon ordni u paci pubblika, li kkawza lil Farrugia biza' li ser tintuza vjolenza kontra tieghu, li hebb ghal Farrugia biex idejqu jew jingurjah, li qal kliem hazin fil-pubbliku, u li ngurja lil Farrugia.

Illi mill-provi prodotti tirrizulta biss l-ewwel wahda minn dawn l-imputazzjonijiet l-ohra in kwantu ma gewx pruvati l-elementi necessarji biex jissussistu dawn ir-reati hlif ghal dik tal-ksur tal-buon ordni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-fedina penali ta'l-imputat li hija kwazi netta u l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, b'mod partikolari l-ewwel reat u cioe dak li kkawza offieza gravi fuq il-persuna ta' Wilfred Farrugia u l-principju regolatur li f'dawn it-tipi tar-reati sa kemm ma jkunx hemm cirkostanzi partikolari ghandha tinghata piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-

waqt li ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat li kkawza offieza ta' natura gravi (u mhux gravissima) u tat-tieni imputazzjoni u taghhom tikkundannah hames xhur prigunerija, ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

In oltre l-Qorti sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Wlifred Farrugia qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nniffsu f'l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) ghal perjodu ta' sena li jibda jiddekorri minn meta jiskonta l-perjodu ta' prigunerija fuq imsemmi li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmi Wilfred Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------